# "TU ES SACERDOS"

*(Lil Habibi Dun Ġużepp Borg Bonavia)*

*Ta'* VINCENT UNGARO

"Mur, xandar lil kulħadd imħabba u sliema
Erfa' salibek, imxi t-triq warajja;
Holl mid-dnubiet lil dawk li juru ndiema
Wettaqhom bil-Hobż bnin li jagħti l-ħajja.

Setegħtek ma tintemmx, għaliex dejjiema,
Tirbaħ l-infern u tisboq l-għawġ tal-ġrajja.
Tibżax mid-dinja, tiddejjaqx quddiemha
Meta l-qrati jixluk bil-qerq tal-qlajja'.

Jien fuq ilsienek nitfa' l-kelma sewwa
U nixgħel f'qalbek ta' l-Ispirtu l-ħrara
Sabiex tkun tista' tegħleb lill-għedewwa".

Dan igħidlek Kristu x'ħin jitkellem miegħek
U jaħtrek bħal Rażul biex tgħin l-Insara
Imxi warajh u ġorr is-salib tiegħek.

Qormi, 1952.